# It-Tmintax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Isimgħu minni u tieklu tajjeb.*

Is 55, 1-3

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

Dan jgħid il-Mulej:
1 «Intom li bikom l-għatx, ejjew għall-ilma,
intom ukoll li m'għandkomx flus.
Ejjew, ixtru u kulu b'xejn,
inbid u ħalib bla ħlas.

2 Għaliex taħlu fluskom f'dak li m'huwiex ħobż,
u ġidkom f'dak li ma jxebbax?
Isimgħu minni, u tieklu tajjeb,
u ruħkom titpaxxa b'ikel bnin.

3 Agħtuni widen u ersqu lejja,
isimgħu u tieħdu r-ruħ.
Nagħmel patt magħkom għal dejjem,
biex iseħħu l-favuri mwiegħda lil David.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 144 (145), 8-9.15-16.17-18

R/. (ara 16): Mulej, inti ttaffi x-xewqat tagħna.

8 Twajjeb u ħanin il-Mulej,
idum biex jagħdab u kollu tjieba.
9 Twajjeb ma’ kulħadd il-Mulej,
tjubitu fuq kull ma għamel. R/.

15 Għajnejn kulħadd iħarsu lejk, Mulej,
u inti tagħtihom l-ikel f’waqtu.
16 Int tiftaħ idek,
u xxabba’ ’l kulħadd bil-ġid. R/.

17 Ġust il-Mulej fl-imġiba tiegħu kollha,
twajjeb f’dak kollu li għamel.
18 Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu,
lejn kull min isejjaħlu fis-sewwa. R/.

# Qari II

*Xejn ma jista' jifridna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna.*

Rum 8, 35.37-39

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [35]min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq,
il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla? [37]Imma f'dan
kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna. [38]Għax
jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien
t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, [39]la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa
oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu
Ġesù Sidna.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 4, 4b

Hallelujah. R/. Hallelujah
Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix,
iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Kulħadd kiel u xaba’.***

Mt 14, 13-21

## Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F’dak iż-żmien, [13]meta sama’ l-aħbar tal-mewt ta’ Ġwanni l-Battista,
Ġesù telaq minn hemm bid-dgħajsa u mar waħdu f’post imwarrab.
Imma n-nies semgħu fejn mar, u telqu warajh bil-mixi mill-ibliet.
[14]Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta’ nies u tħassarhom, u
fejqilhom il-morda tagħhom.

[15]Xħin sar filgħaxija d-dixxipli tiegħu resqu lejh u qalulu: «Dan
post imwarrab, u l-ħin għamel sewwa. Ibgħathom lin-nies, ħa
jmorru fl-irħula jixtru x’jieklu.» [16]Imma Ġesù qalilhom: «Ma
għandhomx għalfejn imorru; agħtuhom intom x’jieklu.» [17]U huma
qalulu: «Hawn ma għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet.»
[18]«Ġibuhomli hawn,» qalilhom. [19]Imbagħad ordna lin-nies biex
joqogħdu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ
ħutiet, rafa’ għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom
lid-dixxipli, u d-dixxipli newluhom lin-nies.

[20]U kulħadd kiel u xaba’, u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal u mlew bihom
tnax-il qoffa. [21]U kienu madwar ħamest elef raġel dawk li kielu,
barra n-nisa u t-tfal.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu